# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors numru 29/14 AF**

**Tancred Tabone**

**v.**

**L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u c-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici lkoll fil-kwalita` taghhom premessa u in rapprezentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2020 l-Avukat Generali gie ammess jintervjeni in *statu et terminis***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tal-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u c-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici lkoll fil-kwalita` taghhom premessa u in rapprezentanza tal-istess Kamra tad-Deputati tal-21 ta' Mejju 2018 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti

Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-2 ta' Mejju 2018 permezz ta' liema talbu sabiex din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqghat it-tielet eccezzjoni tal-intimati safejn gie eccepit illi l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati m'ghandux rapprezentanza tal-Kamra tad-Deputati u li c-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici m'ghandux ir-rapprezentanza ta' dak il-Kumitat u tirrevokha fil-kumplament taghha u b'hekk tiddeciedi billi tiddikjara l-mertu ezawrit jew tichad it-talbiet tar-rikorrenti skont il-kaz bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

2. Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali ta' Tancred Tabone li ssottometta li l-appell ghandu jigu michud u talab illi s-sentenza tigi rriformata billi filwaqt li tilqa' in toto l-hames talba tieghu, tigi kkonfermata fil-bqija taghha.

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-2 ta' Mejju 2018;

**Ikkonsidrat**

**L-aggravju rigward l-inutilita` tas-sentenza**

5. L-appellanti jikkontendu illi s-sentenza appellata m'ghandha l-ebda utilita` ghaliex il-proceduri quddiem il-kumitat tal-Parlament mietu minhabba x-xoljiment tal-Kamra u konsegwentement m'hemm l-ebda minaccja reali jew ipotetika li d-drittijiet tal-appellat ser jigu vjolati ghaliex dawn il-proceduri ntemmu minghajr ma huwa gie mgieghel li jixhed u llum m'hemm l-ebda procedura fil-Parlament jew fil-Kumitat tal-Kamra fejn ix-xhieda tieghu hija rikjesta.

6. L-appellat minn naha tieghu jikkontendi illi dan l-argument huwa monk ghaliex il-fakulta ta' rimedju kostituzzjonali moghtija mil-ligi Maltija tapplika mhux biss ghal ksur ta' drittijiet izda wkoll theddid ta' ksur ta' drittijiet. Skont l-appellat permezz ta' dawn il-proceduri huwa qieghed jissalvagwardja d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq pendenti proceduri kriminali illi ghadhom sal-lum il-gurnata sub judice, u li inoltre huwa ma nghata l-ebda certezza illi d-drittijiet fondamentali tieghu m'humiex mheddha ghaliex is-sejha li kienet saret mill-Kumitat qatt ma giet invalidata. L-appellant jargumenta illi fi kwalunkwe kaz, il-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu sehh mal-mument illi huwa gie msejjah sabiex jixhed quddiem il-Kumitat u potenzjalment jinkrimina ruhhu waqt li kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Mill-atti jirrizulta illi waqt li kienu pendenti l-proceduri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fejn l-appellat kien gie msejjah sabiex jixhed, il-Parlament kien gie xolt bi proklama tal-President ta' Malta. Skont ittra mibghuta mill-Iskrivan tal-Kamra (fol. 118) jidher illi fir-rigward tal-Kumitati illi x-xoghol taghhom waqaf max-xoljiment tal-Parlament. Minn din l-ittra jirrizulta illi fil-kaz ta' kumitati mwaqqfa permezz tal-Ordinijiet Permanenti jew xi ligijiet ohrajn dawn jergghu jigu mahtura permezz ta' mozzjoni formali malli l-Parlament jerga' jiltaqa' wara l-elezzjoni generali, filwaqt illi fil-kaz tal-kumitati maghzula hija fid-diskrezzjoni tal-Parlament li jiddeciedi jekk jergax iwaqqaf tali kumitat bis-sahha ta' mozzjoni. Huwa f'dan il-kuntest illi l-appellati qed jargumentaw illi s-sentenza appellata ormai m'ghandha l-ebda utilita`, peress illi max-xoljiment tal-Parlament ix-xoghol tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici waqaf.

8. Illi huwa minnu li jirrizulta mid-dokument imsemmi illi l-proceduri li fihom kien gie msejjah biex jixhed ir-rikorrenti twaqqfu meta xolja l-Parlament u li ma jirrizultax illi kien hemm xi mozzjoni sabiex dawn il-proceduri jergghu jibdew. Illi pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt wahdu m'huwiex bizzejjed sabiex itellef lir-rikorrenti mill-istatus tieghu ta' vittma ai termini tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni u, mill-mod kif inhu impostat ir-rikors promotur tar-rikorrenti huwa car fil-fehma tal-Qorti illi din

l-azzjoni ma tilfitx l-utilita` taghha bix-xoljiment tal-Kamra kif qed jargumentaw l-appellanti. Dan ghaliex qari tat-talbiet maghmula mill-appellat juri illi huwa qed jitlob rimedju ghal ksur illi huwa jsostni li diga` sehh. Fil-fatt, l-appellat talab dikjarazzjoni illi:

i. Is-sejha maghmula mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fil-5 ta’ Dicembru 2013 u fil-25 ta’ Frar 2014 sabiex jaghti x-xhieda tieghu tilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq;

ii. Ir-ruling moghti mill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati fit-3 ta’ Frar 2014 jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq;

iii. Il-“Guide for witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta” ippubblikata f’Ottubru 2011 u b’mod partikolari l-paragrafu 16, jivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq;

iv. Il-fatt li d-dritt ta’ silenzju fil-proceduri quddiem l-imsemmi kumitat huwa leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq;

v. Ir-ruling moghti mill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati fit-3 ta' Frar 2014 huwa null fil-konfront tar-rikorrent ghaliex huwa leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq;

vi. Il-mod kif qed jinzammu l-proceduri quddiem il-kumitat imsemmi johloq "prejudicial pre-trial publicity" serju fil-konfront tar-rikorrenti, u partikolarment il-kliem mitkellma mill-Onorevoli Owen Bonnici fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013 huwa leziv tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq.

9. Ghalhekk jidher illi t-talbiet imressqa mill-appellat fil-maggor parti taghhom jirrigwardaw atti li diga` sehhu u allegati vjolazzjonijiet tad-dritt ghal smiegh xieraq illi kienu diga` sehhu qabel ma gie xolt il-Parlament. Ghalhekk l-argument tal-appellanti illi lanqas hemm imqar biza' li jigu lezi d-drittijiet fundamentali tal-appellat ma jregix ghaliex l-ilment tal-appellat huwa proprju illi, fil-maggior parti, il-ksur diga` sehh. F'dan ir-rigward il-Qorti taghraf illi anke skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

> "a decision or measure favourable to the applicant is not in principle sufficient to deprive him of his status as a "victim" unless the national authorities have acknowledged, either expressly or in substance, and then afforded redress for, the breach of the Convention.[1]"

[1] Ara per ezempju: **Amuur v. France** (QEDB, 25/06/1996); **Jensen v. Denmark** (QEDB, 20/09/2001); **Burdov v. Russia** (QEDB, 07/05/2002); **Jensen and Rasmussen v. Denmark** (QEDB, 20/03/2003); **Scordino v. Italy (N. 1 )** (QEDB, 29/03/2006); **Albayrak v. Turkey** (QEDB, 31/01/2008); **Gafgen v. Germany,** (QEDB, 1/06/2010); **Centro European 7 S.R.L. and Di Stefano v. Italy** (QEDB, 7/06/2012); **Nada v. Switzerland** (QEDB, 12/09/2012); **Bivolaru v. Romania** (QEDB, 2/10/2018); **Blyudik v. Russia** (QEDB, 25/06/2019).

10. Illi huwa car li sabiex ikun jista' jigi accettat illi l-individwu tilef l-istatus tieghu bhala vittma jrid ikun hemm kemm rikonoxximent minn naha tal-Istat tal-ksur tad-drittijiet fundamentali illi l-individwu jkun sofra u kif ukoll irid ikun jirrizulta illi l-Istat ikun ta rimedju xieraq lil individwu ghal dan il-ksur. Dan iz-zewg elementi jridu jkunu gew sodisfatti b'mod kumulattiv sabiex ikun jista' jinghad illi persuna tilfet l-istatus taghha bhala vittma. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Dalban v. Romania** (QEDB, 28/09/1999) l-argument li l-applikant kien tilef l-istatus tieghu bhala vittma kien gie skartat ghaliex "…even if the Supreme Court's quashing of the applicant's conviction on the ground that he had acted in good faith and on the basis of official documents concerning G.S. (see paragraph 28 above) could be seen as an acknowledgment, in substance, that the "right to freedom of expression" had been unjustifiably restricted, the Court considers that it did not provide adequate redress as required by the Court's case-law."

11. F'dan il-kaz ma jidher illi sar l-ebda rikonoxximent tal-ksur illi l-appellat qieghed jallega illi sofra, tant illi fil-fatt dan gie nnegat f'dawn il-proceduri, u lanqas ma jirrizulta li nghata rimedju ghal ksur ilmentat minnu mill-appellanti.

12. Il-Qorti taghraf illi fil-kaz ta' Imenti ta' ksur ta' smiegh xieraq fil-kors ta' proceduri penali, l-applikant jitqies li jkun tilef l-istatus tieghu bhala vittma jekk jigi lliberat.[2] Illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-principju m'huwiex direttament applikabbli fil-kaz odjern. Il-proceduri li dwarhom qed jilmenta l-appellat kienu proceduri ta' natura politika u l-waqfien taghhom max-xoljiment tal-Kamra m'ghandux l-istess effett ta' sentenza ta' qorti penali permezz ta' liema l-akkuzat jigi lliberat. Din ta' l-ahhar tkun iggib maghha l-applikazzjoni tar-regola ta' *ne bis in idem* u ghalhekk l-akkuzat, issa liberat, ikun protett minn kwalunwke proceduri penali ohra fir-rigward tal-istess fatti. Dan ma jistax jinghad fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Kumitat in kwistjoni, li huwa liberu li jerga' jibda l-proceduri fejn l-appellat issejjah jixhed fi kwalunwke mument u jerga' jsejjah lil appellat sabiex jixhed taht l-istess kondizzjonijiet li qed jigu impunjati f'din il-kawza.

13. Barra minn hekk, il-Qorti taghraf illi l-ilment tal-appellat m'huwiex fir-rigward tas-sejha sabiex jixhed quddiem dan il-Kumitat biss, izda jittratta dwar il-pregudizzju illi din is-sejha ikkawzatlu, jew tista' tikkawzalu, fil-proceduri penali pendenti kontra tieghu. Sakemm dawn il-proceduri penali ghadhom ghaddejin, u sakemm jibqa' legalment possibli ghal Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li jerga' jibda l-proceduri in kwistjoni u jerga' jsejjah lil appellat biex jixhed, din is-sentenza jibqa'

[2] Ara per ezempju: **Tambas v. Turkey** (QEDB, 24/02/2005); **Jozef Oleksy v. Poland** (QEDB, 16/06/2009).

jkollha utilita`. Inoltre, fir-rigward ta' dak il-parti tal-ilment tal-appellat relattiva ghal kliem li ntqalu mill-Onorevoli Dr. Owen Bonnici u l-pubblicita` tal-proceduri quddiem il-Kumitat *vis-à-vis* id-dritt tieghu ghal presunzjoni tal-innocenza, ma jistax jinghad illi l-appellat tilef l-istatus tieghu bhala vittma meta waqqfu l-proceduri tal-Kumitat ghaliex dawn kienu atti li diga` sehhew u dan fil-kors ta' proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Dan ghaliex, skont il-ligi Maltija, proceduri kostituzzjonali/konvenzjonali huma ntizi mhux biss sabiex jirrimedjaw lezjonijiet ta' drittijiet fundamentali li jkunu diga` sehhu, izda wkoll sabiex jigi evitat li jsehh ksur ta' drittijiet fundamentali.

14. Minn dan ghandu jsegwi illi l-fatt li l-Parlament xolja u ghalhekk il-proceduri tal-Kumitat imsemmi fejn gie imsejjah biex jixhed l-appellat twaqqfu, ma jfissirx kif qed jikkontendu l-appellanti illi s-sentenza appellata hija inutli.

15. Ghaldaqstant, dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**L-aggravju rigward id-dritt ghas-silenzju**

16. L-appellanti jikkontendu illi trid issir distinzjoni bejn ir-regoli tal-kamra mehuda oggettivament u minghajr konnessjoni ma kaz specifiku u l-vjolazzjoni tad-dritt fil-kaz specifiku. Huma jargumentaw illi dawn ir-

regoli saru xi zmien ilu u f'kuntest differenti milli tal-prezenti kawza u m'hijiex korretta l-konkluzjoni li l-applikazzjoni taghhom twassal ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Skont l-appellanti, dawn ir-regoli espressament jikkontemplaw is-salvagwardja ta' xhieda milli jinkriminaw ruhhom u l-pozizzjoni tax-xhieda hija simili ghall-pozizzjoni tax-xhieda li jixhdu quddiem il-Qorti. L-appellanti jargumentaw illi d-dritt illi wiehed ma jinkriminax ruhhu ma jestendix ghad-dritt ghal silenzju anke fir-rigward ta' mistoqsijiet li m'humiex inkriminanti kif qed jippretendi l-appellat ghaliex l-assolutezza ta' din ir-regola tkun nociva ghall-amministrazzjoni gusta u ghall-funzjonament tad-demokrazija. Skont l-appellanti ghalhekk l-ewwel Qorti marret oltre minn dak rikjest mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni citata minnha.

17. L-appellat jirribatti illi r-Regolamenti tal-2011 kienu fis-sehh fiz-zmien relevanti tant illi kienu ntbaghtu lilu flimkien mal-ittra li kien ircieva meta ssejjah biex jixhed quddiem il-Kumitat u inoltre kienu gew rezi applikabbli ghal kaz specifiku tieghu permezz tar-Ruling tal-Onorevoli Speaker tal-Kamra tal-10 ta' Dicembru 2013 li kien iccita dawn il-linji gwida bhala l-bazi tad-decizjoni tieghu. Huwa jargumenta illi peress li huwa m'huwiex xhud kwalunwke izda xhud li huwa akkuzat fi proceduri kriminali li jittrattaw l-istess mertu mistharreg mill-Kumitat imsemmi, il-protezzjoni li temani mill-linja gwida hija wahda fjakka ghaliex minflok dritt ghas-silenzju huwa ghandu dritt biss li ma jwiegibx ghal domandi li jistghu

jinkriminawh. L-appellat jikkontendi illi meta tqum domanda dwar jekk mistoqsija hijiex inkriminanti jew le, dan irid jigi deciz mis-Sedja li m'hijiex edotta mill-atti tal-Istruttorja u jissottolinja illi r-rifjut ta' xhud illi jixhed quddiem il-Kumitat jekwivali ghal reat u jesponih ghal pieni ta' multa u anke prigunerija. Huwa jikkontendi illi d-dritt tas-silenzju huwa universali li jipprexxindi mill-forum li fih ikun qed jigi interrogat u jzid illi l-appellanti m'humiex qed japprezzaw id-distinzjoni bejn xhud ordinarju, li ghandu biss id-dritt illi ma jwiegibx ghal domandi inkriminati, u xhud li huwa wkoll imputat fi proceduri kriminali pendenti, bhal ma huwa hu, li ghandu dritt ghas-silenzju.

18. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "Il-linji gwida in kwistjoni huma ċari meta jistabbilixxu li xhud ma jistax jiġi mġiegħel iwieġeb għal mistoqsija li tista‟ tinkriminah. Madanakollu, ir-rikorrent m‟huwiex sempliċiment xhud kwalunkwe imsejjaħ sabiex jixhed quddiem il-Kumitat, imma ġie wkoll imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja akkużat b‟diversi reati relatati mal-mertu taxxhieda li qiegħed jintalab li jagħti quddiem l-imsemmi Kumitat. Bħala akkużat, huwa jgawdi mid-dritt għas-silenzju, liema dritt huwa qiegħed jinvoka. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduti fil-kawżi ta‟ Frank Sammut u Francis Portelli et ċitati:
>
> "Id-dritt ghas-silenzju jissupera l-Art 16 u anke l-Art 19 ghaliex dawn iz-zewg disposizzjonijiet ighoddu biss fil-kaz ta` persuni li jkunu gew mitluba jixhdu izda li ma jkunux akkuzati fi proceduri kriminali li jkunu ghadhom pendenti.
>
> "Ghalhekk is-sitwazzjoni regolata fl-Art 16 hija diversa ghaliex hemm persuna tkun qeghda toggezzjona ghaddomanda izda mhux ghaliex id-domanda tista` tinkriminah, ghaliex jidhol l-Art 19, izda ghal ragunijiet ohra. F`dak il-kaz biss ghandha tintalab id-direzzjoni tal- Ispeaker.
>
> "Din il-Qorti diversament presjeduta kompliet billi spjegat li ssitwazzjoni tar-rikorrenti f‟dawk il-proċeduri, hija leżiva taddrittijiet fundamentali tagħhom għaliex bħala akkużati kienu ser ikunu sfurzati jixhdu jew

minaċċjati b‟sanzjonijiet finnuqqas. L-istess japplika fil-każ tar-rikorrent fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti llum. Hawnhekk ukoll, ir-rikorrent, minkejja li invoka d-dritt għas-silenzju għaliex jinsab akkużat b‟reati kriminali, kien rinfaċċjat bir-Ruling tal-iSpeaker u allura kien ser jiġi mġiegħel jixhed.

"Bir-rifjut tiegħu li jixhed, ir-rikorrent seta‟ jiġi rapportat lillKamra tad-Deputati. L-artikolu 11 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta‟ Malta (l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati) jaqra hekk:

> "(5) Bla hsara ghal kull piena oghla li tista tkun mahsuba skont d-disposizzjonijiet ta` xi ligi ohra, kull min jikkommetti xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (4) jkun hati ta` reat kontra dan l-Att u jehel meta jinsab hati, il-piena ta` twiddiba, jew ta` prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta` mhux izjed minn elf, mija u erbhga u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), jew ghal dik il- multa u prigunerija flimkien.

"Ir-Ruling tal-iSpeaker fil-konfront tar-rikorrent effettivament ifisser illi huwa kien ser jiġi mġiegħel jixhed, b‟mod illi ma kienx ser jkun salvagwardjat id-dritt tiegħu għas-silenzju.

"Din il-Qorti tqis għalhekk illi r-ruling tal-iSpeaker li ngħata fit-3 ta‟ Frar 2014 huwa leżiv għall-jedd ta‟ smigħ xieraq tarrikorrent.

"Għal dak li għandu x‟jaqsam mal-linji gwida, din il-Qorti tgħid illi l-artikolu 19 jitkellem dwar id-dritt tax-xhud li ma jinkriminax ruħu. Il-linji gwida ma jagħmlu l-ebda riferenza għad-dritt għas-silenzju meta x-xhud ikun jinsab ukoll akkużat b‟reati kriminali relatati mal-mertu li dwaru jkun qiegħed jintalab jixhed. Jirriżulta għalhekk li l-linji gwida kif dedotti huma wkoll leżivi għad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq propju għaliex ma jagħtux kont tal-jedd għas-silenzju li għandu r-rikorrent bħala akkużat."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

19. L-aggravju tal-appellanti in succinct huwa illi d-drittijiet fundamentali tal-appellat gew adegwatament protetti bil-linji gwida ghaliex id-dritt ta' xhud huwa li ma jinkriminax ruhhu u mhux ta' silenzju assolut. Din il-Qorti pero` tqis illi r-ragunament tal-ewwel Qorti huwa korrett u ma jidher li hemm l-ebda raguni ghalfejn jigi ddisturbat.

20. L-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet illi ghandha ssir distinzjoni bejn xhud normali u xhud li jkun ukoll jinsab akkuzat fi proceduri kriminali dwar l-istess mertu u li jkunu ghadhom sub-judice. Xhud normali ghandu dritt li ma jirrispondix biss domandi li jistghu jinkriminawh, u huwa minnu li dan id-dritt jinsab salvagwardjat fil-linji gwida in kwistjoni. Pero`, xhud li jkun ukoll akkuzat fi proceduri kriminali dwar l-istess mertu u li jkunu ghadhom sub-judice ghandu d-dritt ghas-silenzju u ma jistax jigi mgieghel jirrispondi ebda domanda, sahansitra lanqas domanda li tista' tiskolpah. Dan jinsab assodat fil-gurisprudenza kemm tal-qrati Maltin u kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif jidher mir-rassenja ta' gurisprudenza li ghamlet referenza ghaliha l-ewwel Qorti.

21. B'referenza ghall-argument tal-appellanti rigward l-interess pubbliku illi deposizzjonijiet quddiem il-Kumitati tal-Kamra ma jkunux imxekkla bid-dritt ghas-silenzju, il-Qorti taghraf illi ghalkemm huwa minnu illi l-interess pubbliku f'investigazzjonijiet bhal dik illi kienet qed issir mill-Kumitat imsemmi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu mizuna kontra l-interess tal-individwu, "public interest concerns cannot justify measures which extinguish the very essence of an applicant's defence rights, including the privilege against self-incrimination guaranteed by Article 6 of the Convention."[3]

[3] **Jalloh v. Germany** (QEDB, 11/07/2006). Ara wkoll **Saunders v. The United Kingdom** (QEDB, 17/12/1996) u **Heaney and McGuinness v. Ireland** (QEDB, 21/12/2000)

22. F'dan il-kaz ma giex kontestat illi s-seduti tal-Kumitat imsemmi kienu qed jigu mxandra live b'mod awdjo-viziv lil pubbliku generali. Ghalhekk, kwalwunke xhieda illi l-appellant seta' gie kostrett jaghti kienet tkun immedjatament maghrufa mill-pubbliku waqt illi huwa kien jinsab ghaddej minn proceduri kriminali kontra tieghu fuq l-istess mertu, b'mod illi ma kien hemm l-ebda garanzija illi din ix-xhieda ma kinitx ser tintuza fil-proceduri kriminali kontra l-appellat. Id-dritt ghas-silenzju huwa intiz mhux biss sabiex l-akkuzat ma jinkriminax ruhu direttament, izda wkoll sabiex ma jkunx hemm il-possibilita` li dak li jkun qal jintuza mqar ghall-finijiet ta' kontroll ta' kredibilita` tieghu.[4] Ghalhekk ghal din il-Qorti huwa car illi l-fatt illi l-appellat ma nghatax dritt ghas-silenzju, izda biss dritt li ma jirrispondix domandi li setghu jkunu inkriminanti, meta mehud in konsiderazzjoni flimkien mal-fatt illi l-proceduri quddiem il-Kumitat kienu qed jigu mxandra live b'mod awdjo-viziv waqt li l-appellat kien ghaddej minn proceduri penali fuq l-istess mertu, kien leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

23. Barra minn hekk, ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti marret oltre minn dak rikjest mid-decizjoni Kostituzzjonali fir-rigward tal-konkluzjoni taghha dwar il-linji gwida peress illi mis-sentenza taghha jidher car illi l-

[4] W. Schabas, *The European Convention on Human Rights: A Commentary* (OUP, 2016) 301.

konkluzjoni taghha dwar il-karattru leziv tal-linji gwida gie strettament marbut mas-sitwazzjoni specifika tal-appellat.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

**L-aggravju rigward l-akkoljiment tas-sitt talba**

25. L-appellanti jikkontendu illi bl-akkoljiment tas-sitt talba huma qed jigu mgieghla jirrispondu ghal kliem illi ma kellhom l-ebda kontroll fuqhom u li huma protteti bil-privilegg parlamentari. Huma jargumentaw illi din id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti ma setghetx issir fl-assenza tal-legittimu kontradittur li skont huma huwa l-persuna illi qal dak il-kliem. Jargumentaw inoltre illi l-kliem li ntqalu waqt id-dibattitu li dwarhom qed jilmenta l-appellat sar f'kuntest politiku li ma jincidu bl-ebda mod fuq id-dibattitu processwali penali.

26. L-appellat jirribatti illi l-argumenti tal-appellanti relattivi ghal legittimu kontradittur u l-privilegg parlamentari ma gewx imqanqla mill-appellanti bhala eccezzjonijiet formali, u ghalhekk ma jistghux jigu ssollevati issa bhala aggravju fl-appell. Huwa jargumenta wkoll illi l-immunita mill-procediment legali tapplika biss fir-rigward ta' procedimenti civili jew kriminali, mentri dawn il-proceduri huma ta' natura kostituzzjonali, fejn ma qed titfittex l-ebda dikjarazzjoni ta'

responsabbilita` u konsegwenti danni fir-rigward tal-individwu li qal il-kliem innifsu, u ghalhekk m'humiex koperti bil-privilegg invokat mill-appellanti. Huwa jikkontendi illi l-kliem ilmentat minnu pregudikalu l-prezunzjoni tal-innocenza u jsostni, b'referenza ghal gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, illi meta dikjarazzjoni li l-individwu jkun ikkometta r-reat in kwistjoni ssir minn persuna f'kariga pubblika taggrava l-ksur tal-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza.

27. Wara li ghamlet referenza ghal gurisprudenza fuq il-materja, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "…din il-Qorti tikkunsidra li l-Onorevoli Dottor Owen Bonnici, bil-kummenti tiegħu, effettivament iddikjara li huwa kien qiegħed iqis lirrikorrent ħati ta' reati, bl-liema reati l-istess rikorrent jinsab akkużat.
>
> "L-Onorevoli Bonnici ddikjara kategorikament illi huwa "ma kellux dubju" li l-flus ir-rikorrent kien "ħadhom". Minn dan il-kliem jirriżulta mingħajr l-ebda dubju illi oġġettivament there is some reasoning to suggest lill-pubbliku in ġenerali, għaliex isseduti jistgħu jiġu segwiti mill-pubbliku b'"mod awdjoviżiv, "live" mill-internet, illi l-Onorevoli Dottor Owen Bonnici kien qed jikkunsidra lir-rikorrent ħati tar-reati illi bihom huwa jinsab akkużat fil-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu. Bi kliemu, huwa ma użax all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected.
>
> "Il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt per se li s-seduti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jistgħu jiġu segwiti mill-pubbliku "live" b"mod awdjoviżiv minn fuq l-internet. Anke l-proċeduri ġudizzjarji, bi protezzjoni stess talakkużat, jinżammu miftuħa għall-pubbliku salvi każijiet eċċezzjonali. Il-leżjoni seħħet għaliex uffiċjal pubbliku ddikkjara pubblikament li huwa ma kellux dubju mill-ħtija tar-rikorrent meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent għadhom pendenti."

**Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti**

28. Il-Qorti rat illi l-appellat huwa korrett meta jghid illi l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur f'dan ir-rigward ma kinitx tressqet bhala eccezzjoni mill-appellanti fir-risposta taghha. Huwa minnu li kienu resqu eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, pero` jidher illi din kienet saret fir-rigward tar-ruling tal-Ispeaker u mhux il-kliem illi ntqal mill-Onorevoli Dottor Owen Bonnici. Ghalhekk din il-kwistjoni ma tistax tigi mqajma bhala aggravju issa fl-istadju tal-appell.

29. Il-Qorti rat ukoll illi huwa minnu dak li jikkontendi l-appellat fis-sens illi l-appellanti qatt ma eċċepew il-privilegg parlamentari tal-Onorevoli Dottor Owen Bonnici fir-risposta taghhom, u tqis konsegwentement illi m'huwiex permess lilhom illi jqajmu din il-kwistjoni permezz ta' aggravju fl-istadju tal-appell.

30. Fir-rigward tal-mertu ta' dan l-aggravju, din il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija legalment korretta u m'hemmx lok illi tigi riveduta. B'referenza ghall-argument tal-appellanti illi d-diskors ilmentat sar f'kuntest politiku l-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal mill-awtur Schabas b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **G.C.P. v. Romania**

> "The Court will be more exigent when the statement is made by politicians who are also acting in their capacity as public officials because it is more difficult to dismiss their comments as 'part of a legitimate political debate, which might arguably allow a certain degree

of exaggeration and liberal use of value judgments with reference to political rivals'.[5]"

31. Fil-kaz odjern, id-diskors illi ntqal mill-Onorevoli Dottor Owen Bonnici intqal minnu fil-vesti tieghu bhala ufficjal pubbliku membru tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fl-ezami tieghu ta' wiehed mix-xhieda, ossia George Farrugia, li gie msejjah sabiex jiddeponi quddiem il-Kumitat. Ghalhekk dan id-diskors ma jistax jigi skartat bhala semplici diskors li sar minn politikant, ghaliex fil-verita` dan id-diskors sar f'kuntest ufficjali waqt investigazzjoni li kienet qed issir mill-Kumitat imsemmi li kienet titratta l-istess mertu li dwaru l-appellat kien qieghed jigi mixli quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, fatt illi wara kollox kien pubblikament risaput.

32. F'dan ir-rigward utli ukoll issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Rywin v. Poland** (QEDB, 18/02/2016) fejn gie deciz illi

> "A distinction must be made between decisions or statements which reflect the feeling that the person concerned is guilty and those which merely describe a state of suspicion. The former will breach the principle of the presumption of innocence while the latter are not normally incompatible with the spirit of Article 6 of the Convention (see, among other authorities, Marziano v. Italy, no. 45313/99, § 31, 28 November 2002).
>
> "A breach of the right to be presumed innocent may be committed not only by a judge but also by other public officials: the Head of State (see Peša v. Croatia, no. 40523/08, § 149, 8 April 2000); the President of the Parliament (Butkevičius v. Lithuania, no. 48297/99, §§ 49, 50, 53, ECHR 2002-II); the Prime Minister (Gutsanovi v. Bulgaria, no. 34529/10, §§ 194-196, ECHR 2013); the public prosecutor (see Daktaras, cited above, § 44); the Minister of the Interior or police

[5] Schabas, *op. cit.* 303.

> officers (Allenet de Ribemont v. France, 10 February 1995, Series A no. 308, §§ 37 and 41); or the Minister of Justice (see Konstas v. Greece, no. 53466/07, § 16, 24 May 2011).
>
> "However, regard being had to the freedom of expression guaranteed by Article 10 of the Convention, which includes the right to receive and impart information, Article 6 § 2 can neither prevent the authorities from informing the public about criminal investigations, nor prevent discussion of the subject in the media or in the course of a parliamentary debate (see Konstas, cited above, § 34). Nonetheless, such reference should be made with all the discretion and restraint which respect for the presumption of innocence demands (Allenet de Ribemont, cited above, § 38). In particular, statements by public officials about an applicant's guilt cannot have the effect of encouraging the public to believe the latter to be guilty or of prejudging the assessment of the facts by the competent judicial authority (see Peša, cited above, § 141, and Konstas, cited above, §§ 34-35).
>
> "In the present case, the Court observes that the applicant complained both about the wording of the resolution of the lower house of parliament setting up the commission of inquiry and about the findings in its report.
>
> "Noting that the statements complained of by the applicant had been made before his final conviction by the Warsaw Court of Appeal for complicity in influence peddling, the Court takes the view that the authorities concerned were bound by the obligation to respect the principle of the presumption of innocence (see Y.B., cited above, § 43)."

33. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju illi galadarba kien hemm proceduri penali pendenti kontra l-appellat, l-awtoritajiet koncernati, inkluz il-membri tal-Kumitat imsemmi, kienu marbutin bl-obbligu illi jirrispettaw id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza tal-appellat. Fil-fehma tal-Qorti, id-diskors impunjat ma kienx jimporta merament l-ghoti oggettiv ta' informazzjoni, izda kien jirraprezenta "value judgement" fuq il-htija tal-appellat. L-Onorevoli Dottor Bonnici kien jaf illi l-proceduri tal-kumitat kienu qed jigu trasmessi live, u kien jaf ukoll illi l-appellat kien qed jigi mixli fi proceduri kriminali fuq l-istess mertu, u ghalhekk kellu l-obbligu li jizen

kliemu sew sabiex ma jxellifx il-presunzjoni tal-innocenza tal-appellat. Dan ma sarx, u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-presunzjoni tal-innocenza b'konsegwenza tal-kliem impunjat.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

**L-appell incidentali tar-rikorrent**

35. L-appellat rikorrenti ressaq aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx illi l-fatt li l-proceduri quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici kienu qed jigu trasmessi live b'mod awdjo-viziv kien minnu nnifsu leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Huwa jsostni illi ghalkemm l-ghan tas-seduti kien li jigi diskuss ir-Rapport tal-Awditur Generali in realta` kienu qed jigu processati l-individwi li jissemmew fih, f'cirkostanzi fejn dawn kienu diga` jinsabu akkuzati fi proceduri kriminali. Huwa jargumenta illi kienet qed tinghata pubblicita` lill-kaz b'mod zeluz li per se holoq pre-trial publicity pregudizzjevoli ghall-process kriminali pendenti kontra tieghu.

36. L-appellanti intimati ma prezentawx ir-risposta taghhom ghall-appell incidentali intavolata mill-appellat rikorrenti.

37. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata hija s-segwenti:

> "Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi l-mod kif qed jinżammu l-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u ċioè bix-xhieda li qed jinstemgħu u bil-fatt li s-seduti jistgħu jiġu segwiti b'‟mod awdjoviżiv, live, mill-internet, qed jikkrea prejudicial pre-trial pubblicity serju fil-konfront tiegħu.
>
> "[…]
>
> "Il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt per se li s-seduti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jistgħu jiġu segwiti mill-pubbliku "live" b'mod awdjoviżiv minn fuq l-internet. Anke l-proċeduri ġudizzjarji, bi protezzjoni stess tal-akkużat, jinżammu miftuħa għall-pubbliku salvi każijiet eċċezzjonali. Il-leżjoni seħħet għaliex uffiċjal pubbliku ddikkjara pubblikament li huwa ma kellux dubju mill-ħtija tar-rikorrent meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent għadhom pendenti."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

38. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija legalment korretta, ghaliex il-fatt illi kien hemm process politiku li kien qieghed jigi mxandar lil pubbliku ma jistax minnu nnifsu jwassal ghal konkluzjoni illi gew vjolati l-jeddijiet fundamentali tal-appellat rikorrent. Wara kollox, il-pubbliku ghandu dritt fundamentali illi jircievi informazzjoni, specjalment rigward materja ta' interess pubbliku bhal ma hu r-Rapport tal-Awditur li dwaru kienu qed isiru l-proceduri quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubblici. Kif intqal fis-sentenza **Rywim v. Poland** citata aktar il-fuq:

> "…regard being had to the freedom of expression guaranteed by Article 10 of the Convention, which includes the right to receive and impart information, Article 6 § 2 can neither prevent the authorities from informing the public about criminal investigations, nor prevent

> discussion of the subject in the media or in the course of a parliamentary debate (see Konstas, cited above, § 34)."

39. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta sabet illi l-fatt wahdu li l-proceduri quddiem il-Kumitat imsemmi kienu qed jigu trasmessi live ma kienx awtomatikament pregudizzjevoli ghad-drittijiet fundamentali tal-appellat rikorrent, u li sabiex jigi ddeterminat jekk huwa sofriex lezjoni tad-dritt tieghu ghall-presunzjoni tal-innocenza kellhom jigu ezaminati c-cirkostanzi specifici ta' dawn il-proceduri. Din il-Qorti tqis illi kkonsidrat l-interess pubbliku sostanzjali li kien hemm fil-proceduri tal-Kumitat imsemmi u d-dritt tal-pubbliku li jircievi informazzjoni, ma jistax jigi accettat li x-xandir ta' dawn il-proceduri huwa fih innifsu leziv tad-drittijiet tal-appellat rikorrenti.

40. Ghaldaqstant l-appell incidentali qed jigi michud.

**Decide**

41. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad kemm l-appell tal-intimat u kif ukoll l-appell incidentali tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-prim'istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt illi l-ispejjez tal-appell ghandhom jithallsu mill-intimati u l-ispejjez tal-appell incidentali ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm